MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Sede Inferjuri)**

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tal-15 ta' Settembru, 2023

Appell Inferjuri Numru 399/2021 LM

**Joseph Azzopardi (K.I. nru. 849247(M)), Anna Debono (K.I. nru. 302552(M)), Bernard Azzopardi (K.I. nru. 383557(M)), Raymond Azzopardi (K.I. nru. 205045M)), Francis sive Frank Azzopardi (K.I. nru. 185549(M)), Suor Rosita fis-seklu Rose Mary Azzopardi (K.I. nru. 437446(M))**
*('l-appellati')*

***vs.***

**Victor Schiavone (K.I. nru. 717549(M)), Margaret Schiavone (K.I. nru. 491860(M))**
*('l-appellanti')*

**u**

**l-Awtorità tad-Djar**

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mill-intimati **Victor Schiavone (K.I. nru. 717549(M))** u **Margaret Schiavone (K.I. nru. 491860(M))**, [minn issa 'l quddiem

'l-appellanti'], mis-sentenza mogħtija fil-15 ta' Lulju, 2022, [minn issa 'l quddiem 'is-sentenza appellata'] mill-Bord li Jirregola l-Kera [minn issa 'l quddiem 'il-Bord'] fl-ismijiet fuq premessi li ddeċieda t-talbiet tar-rikorrenti **Joseph Azzopardi (K.I. nru. 849247(M)), Anna Debono (K.I. nru. 302552(M)), Bernard Azzopardi (K.I. nru. 383557(M)), Raymond Azzopardi (K.I. nru. 205045(M))** u **Francis sive Frank Azzopardi (K.I. nru. 185549(M))** [minn issa 'l quddiem 'l-appellati'] fil-konfront tagħhom u tal-Awtorità tad-Djar [minn issa 'l quddiem 'l-Awtorità intervenuta'] kif ġej:

*"1. Jilqa' l-ewwel talba tar-rikorrenti u jiddikjara li l-intimati ma jissodisfawx il-kriterji tal-kapital tat-test tal-mezzi;*

*2. Jiċħad it-tieni u t-tielet talba tar-rikorrenti;*

*3. Jilqa' r-raba' talba tar-rikorrenti fis-sens illi jiddikjara li l-intimati Schiavone ma jissodisfawx il-kriterju tal-kapital tat-test tal-mezzi u għaldaqstant ai termini tal-Artikolu 4A(4) tal-Kap 69 tal-Liġijiet ta' Malta qed ixolji l-kirja viġenti favur l-intimati tal-fond 44, Triq il-Vitorja, l-Isla u jordnalhom jivvakaw mill-istess fond fi żmien sentejn mil-lum filwaqt illi jillikwida l-kumpens pagabbli mill-intimati għall-okkupazzjoni tal-fond in kwistjoni fit-terminu hawn stabbilit ta' sentejn millum, fis-somma ta' sitt elef ewro (€6,000) fis-sena u għal dan il-għan il-Bord qed jikkundanna lill-intimat jħallsu lir-rikorrenti l-imsemmi kumpens ta' sitt elef ewro (€6,000) kull sena għall-okkupazzjoni tal-istess fond in meritu mil-lum 'il quddiem u sakemm huma jibqgħu fl-okkupazzjoni tal-istess fond fiż-żmien hawn konċess f'din is-sentenza ossia ta' sentejn millum.*

*4. Jiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-intimati u tal-Awtorità sa fejn dawn huma inkompatibbli ma' dak deċiż hawn fuq.*

*Spejjeż a karigu tal-intimati Schiavone."*

## <u>Fatti</u>

2. Il-fatti tal-każ odjern jirrigwardaw il-kera li titħallas mill-appellanti lill-appellati fuq il-fond 44, Triq il-Vitorja, l-Isla, [minn issa 'l quddiem 'il-fond'] li

kien ġie mikri lilhom mill-antekawża tal-imsemmija appellati sidien tiegħu, madwar erbgħa u tletin sena ilu b'kera ta' Lm20 fis-sena, u li llum ġiet awmentata għal €230.20 fis-sena.

**Mertu**

3. L-appellati stitwew proċeduri quddiem il-Bord fil-konfront tal-appellanti permezz tal-preżentata ta' rikors fid-29 ta' Lulju, 2021 fejn talbuh sabiex jogħġbu:

*"I. Jordna li jitwettaq it-test tal-mezzi ta' Victor Schiavone (K.I. 0717549M) u Margaret Schiavone (K.I. 0491860M) ai termini tal-Att XXIV tal-2021, li għandu jkun ibbażat fuq it-test tal-mezzi stabbilit fir-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta' Test tal-Mezzi), maħruġa taħt l-artikolu 1622A tal-Kodiċi Ċivili u kwalunkwe regolamenti li jistgħu minn żmien għal żmien jissostitwuhom, u liema test tal-mezzi għandu jkun ibbażat fuq id-dħul tal-kerrej bejn l-1 ta' Jannar u l-31 ta' Diċembru tas-sena 2020 u fuq il-kapital tal-kerrej fil-31 ta' Diċembru 2020, u liema test tal-mezzi għandu jitmexxa b'referenza partikolari, inter alia, għar-regolamenti 4 u 8 tar-Regolamenti dwar it-tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta' Test tal-Mezzi) li għandhom japplikaw* mutatis mutandis *f'dan il-każ.*

*II. Jiddikjara u Jiddeċiedi illi ai termini tal-Att XXIV tal-2021, il-kera tal-fond 44, Triq il-Vitorja, l-Isla għandha tiġi riveduta għal ammont li ma jeċċedix it-2% fil-mija fis-sena tal-valur liberu u frank tas-suq miftuħ, u sabiex jiġu stabbiliti kundizzjonijiet ġodda fir-rigward tal-kera jekk jkun il-każ.*

*III. Jordna u jikkundanna lill-intimati Victor Schiavone (K.I. 0717549(M)) u Margaret Schiavone (K.I. 0491860M) jibdew iħallsu din it-tali kera awmentata ai termini tal-Att XXIV tal-2021, b'effett mid-data tal-preżentata tar-rikors odjern.*

*IV. Jordna, f'każ illi l-intimati Victor Schiavone (K.I. 0717549M) u Margaret Schiavone (K.I. 0491860M) ma jissodisfawx il-kriterji tad-dħul u tal-kapital tat-test tal-mezzi, l-iżgumbrament tagħhom mill-fond in kwistjoni, fi żmien qasir u perentorju stabbilit minn dan il-Bord u mhux aktar tard minn sentejn mill-1 ta' Ġunju 2021.*

*Bl-ispejjeż u bl-inġunzjoni tal-intimati għas-subizzjoni u b'riserva u mingħajr preġudizzju għal kwalsiasi azzjoni oħra li tista' talvolta tiġi preżentata."*

4. L-appellanti wieġbu fis-16 ta' Settembru, 2021 fejn eċċepew kif ġej: (a) l-appellati kienu ppreżentaw ukoll rikors quddiem il-Qorti Ċivili, Prim'Awla, (Sede Kostituzzjonali), fl-istess ismijiet li ġie appuntat għas-smigħ għas-7 ta' Ottubru, 2021; (b) huma dejjem ottemporaw ruħhom mal-liġijiet viġenti u għalhekk ma tista' tingħata l-ebda ħtija lilhom jew nuqqas fl-eventwalità li t-talbiet tal-appellati jiġu milqugħa; (ċ) huma ma jsibu l-ebda oġġezzjoni sabiex jissottomettu ruħhom għat-test tal-mezzi, u kif ser jintwera, il-mezzi tagħhom huma limitati ferm; (d) huma jissodisfaw il-kriterji tat-test tal-mezzi u saħansitra m'għandhom l-ebda proprjetà immobbli abitabbli. Qalu wkoll illi (1) l-Bord meta jwettaq dan it-test għandu jieħu in konsiderazzjoni il-mezzi u l-età tagħhom skont kif jirrikjedi l-Att XXIV tal-2021, iċ-ċirkostanzi soċjali u finanzjarji tagħhom, il-fatt li l-fond huwa l-unika residenza tagħhom u li huma m'għandhom l-ebda proprjetà oħra fejn jistgħu jirrisjedu; (2) il-liġi tal-kera ġiet emendata sabiex toħloq bilanċ bejn id-drittijiet tas-sidien u dawk tal-inkwilin, fejn il-perċentwali ta' 2% tal-valur tal-fond huwa l-massimu li għandu jinkera bih il-fond; (e) jekk jintlaqgħu l-ewwel tliet talbiet, ir-raba' talba għandha tiġi miċħuda għaliex huma m'għandhomx biżżejjed dħul u m'għandhom l-ebda proprjetà oħra fejn jirrisjedu; (f) huma ma jaħtux għall-pożizzjoni tagħhom u jekk għandhom iwieġbu għal kwalunkwe reviżjoni fl-ammont ta' kera għandu jkun il-Gvern jew l-Awtorità intervenuta li jwieġbu; (ġ) m'għandhomx ibatu spejjeż tal-proċedura; (ħ) salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

5. L-Awtorità intervenuta ppreżentat ir-risposta tagħha fit-13 ta' Ottubru, 2021 fejn eċċepiet is-segwenti: (a) l-appellati kellhom qabel xejn jippruvaw it-titolu tagħhom u li huma waħedhom huma sidien tal-fond; (b) l-appellati għandhom jesebixxu kopja tal-atti ta' dikjarazzjoni *causa mortis* tad-defunti awturi tagħhom; (ċ) il-Bord għandu jiddeċiedi qabel xejn jekk l-Att XXIV tal-2021 huwiex applikabbli għall-każ odjern; (d) hija ġiet notifikata bħala *amicus curiae* skont l-Att XXIV tal-2021, fejn għandha dritt tipparteċipa fil-kawża iżda biss bħala *amicus curiae,* sabiex b'hekk m'għandhiex tbati spejjeż; u (e) jekk l-inkwilini jissodisfaw it-test tal-mezzi stabbilit mil-liġi, il-kera għandha tiġi ffissata f'ammont li ma jkunx iktar minn 2% tal-valur tal-proprjetà *ai termini* tal-artikolu 4A tal-Kap. 69 jew l-artikolu 12B tal-Kap. 158; (f) hija kienet qegħda tesebixxi Dok. HA1 li juri kif tissussidja lil min jikkwalifika; (ġ) l-inkwilini jistgħu jibbenfikaw minn skema ta' sussidju tal-kera jekk jikkwalifikaw skont il-kundizzjonijiet tal-iskema, fejn fost l-imsemmija kundizzjonijiet hemm li l-inkwilini għandhom ikunu qegħdin jabitaw fil-fond bħala r-residenza ordinarja tagħhom.

## <u>Is-Sentenza Appellata</u>

6. Il-Bord wasal għas-sentenza appellata wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet rilevanti għal dan l-appell:

*"II.<u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>:*

*Ir-rikorrenti pproċedew bir-rikors odjern sabiex dan il-Bord jawmenta l-kera ai termini tal-Artikolu 4A tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta tal-fond 44, Triq il-Vitorja, l-Isla f'każ li l-intimati jissodisfaw it-test tal-mezzi jew fin-nuqqas biex jiżgombraw mill-istess fond a tenur tal-Art. 4A(4) tal-Kap 69. Jirriżulta li r-rikorrenti huma proprjetarji tal-fond 44, Triq il-Vitorja, l-Isla, li huma akkwistaw* per via di succesione *mill-eredità tal-mejta ommhom Ġemma Azzopardi, li mietet fil-15 ta' Jannar 2014, u li l-wirt tagħha*

*ddevolva b'testment* unica charta *fl-atti tan-Nutar Dottor Rosella Sciberras tat-23 ta' Ġunju 1995, (Dok A – fol 5). Dan il-wirt ġie debitament dikjarat lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni b'kuntratt tal-24 ta' April 2014 fl-atti tan-Nutar Duttur Andrea Micallef (Dok C – fol 12).*

*Dan il-fond ilu mikri lill-intimati Schiavone mill-1987 b'kera baxxa u llum titħallas kera ta' €230.20c fis-sena. L-atturi pproċedew ukoll b'kawża kostituzzjonali fl-ismijiet Joseph Azzopardi et vs Avukat tal-Istat et (Rik Nru 496/21AD)*

*Il-Bord josserva li din il-kawża ġiet intavolata wara li ġie in vigore l-Att XXIV tas-sena 2021 intitolat* 'Att li Jemenda l-Liġijiet Relattivi Għall-Kirjiet Residenzjali Protetti'. *Dan l-Att li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Ġunju 2021 u introduċa l-Artikolu 4A tal-Kapitolu 69 taħt liema sar dan ir-rikors u emenda fost l-oħrajn ir-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta' Test tal-Mezzi) (Leġislazzjoni sussidjarja 16.11).*

*Il-Bord sejjer l-ewwel jindirizza l-ewwel eċċezzjoni tal-intimati fejn jissottomettu illi r-rikorrenti pproċedew ukoll b'kawża kostituzzjonali. Fil-fehma tal-Bord dan il-fatt m'hu ta' ebda xkiel għal dawn il-proċeduri intavolati ai termini tal-Att XXIV tat-2021 li huwa r-rimedju mogħti mil-Leġislatur lis-sidien milquta b'kirjiet protetti intiż sabiex jintlaħaq bilanċ bejn id-dritt tas-sid li jirċievi dħul xieraq tal-ġid tiegħu li hu milqut b'kirjiet protetti u d-dritt tal-inkwilin li jibqa' jgawdi l-istess titolu jekk jissodisfa l-kriterji tat-test tal-mezzi u allura jkun jimmerita protezzjoni soċjali. Għalhekk din l-eċċezzjoni hija miċħuda.*

*Fit-tieni lok il-Bord iħoss opportun jindirizza t-tieni sottomissjoni tal-intimati sollevata fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom liema punt ma ġie imkien sollevat fir-risposta għar-rikors promotur u għaldaqstant din mhiex eċċezzjoni sollevata mill-intimati fl-eċċezzjonijiet tagħhom. Madakollu l-Bord hu tal-fehma li huwa għandu jindirizza s-sottomissjonijiet kollha sollevati waqt il-kawża. In rigward tali sottomissjoni l-intimati jinsistu li t-talba attriċi għandha tiġi miċħuda billi r-rikorrenti għadhom qedin jirċievu l-kera bla riserva. L-Awtorità intervenuta fin-nota tagħha tgħid li f'sitwazzjoni simili sid li kien aċċetta l-kera kien irtira l-kawża ppreżentata minnu u kien ippreżenta kawża oħra wara li l-iskadenza in kwistjoni kienet spiċċat. L-Awtorità tgħid li għalkemm ma tarax li hemm lok li din l-kawża tiġi rtirata minħabba din l-aċċettazzjoni tal-kera, tinsisti li tali fattur għandu però jittieħed in konsiderazzjoni mill-Bord. Il-Bord jagħraf illi kif ingħad* supra *r-rimedju mogħti taħt l-ATT XXIV tat-2021 huwa rimedju legali mogħti lil sid il-kera intiż biex jinħoloq bilanċ wara numru ta' sentenzi kostituzzjonali tal-Qrati kemm nostrani u kif ukoll dawk esteri li sabu li l-liġijiet tal-kera kif kienu viġenti qabel l-emendi kienu jiksru d-drittijiet fundamentali tas-sidien proprju għaliex ma kienx qed jinħoloq bilanċ proporzjonali bejn il-ħtieġa tal-protezzjoni soċjali u d-*

*dritt tas-sid li jieħu valur xieraq għal ġidu. Għalhekk f'dan l-isfond il-Bord hu tal-fehma illi l-fatt li r-rikorrenti aċċettaw il-kera m'hu ta' ebda xkiel għall-intavolar u l-prosegwiment ta' din il-kawża li l-oġġettiv tagħha huwa li tiġi stabbilita kera ġdida xierqa jekk l-inkwilini jissodisfaw il-kriterji tad-dħul u l-kapital tat-test tal-mezzi. Għalhekk il-Bord qiegħed jiċħad tali sottomissjoni.*

*Dan il-Bord għalhekk ser jgħaddi biex jikkunsidra l-ewwel x'inhu meħtieġ skont ir-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta' Test tal-Mezzi) (Leġislazzjoni Sussidjarja 16.11) biex l-intimati jitqiesu li jissodisfaw il-kriterji tat-test tal-mezzi. Skont ir-Regolament 2(2):*

**(2) Sabiex tissodisfa l-kriterji tat-test tal-mezzi stabbiliti b'dawn ir-regolamenti persuna tkun meħtieġa li jkollha kemm dħul kif ukoll kapital fil-limiti stabbiliti b'dawn ir-regolamenti.**

*Mill-provi dwar it-test tal-mezzi ppreżentati b'nota tat-8 ta' Ottubru 2022 (Dok VS 1) jirriżulta li fil-perijodu rilevanti ċjoé sena qabel ma ġie ntavolat ir-rikors odjern l-intimat Victor Schiavone kellu 71 sena filwaqt li martu kellha 60 sena.*

*Il-Bord wara li ra d-dokumentazzjoni esebita mill-intimati josserva li d-dħul tagħhom fil-perijodu rilevanti ma jeċċedix l-ammont indikat fir-Reg. 5 tal-Leġislazjoni Sussidjarja 16.11. Mill-provi jirriżulta li d-dħul tagħhom fil-perijodu rilevanti ossia 2020 kien jikkonsisti minn pensjoni tas-sigurtà soċjali li fit-2020 kienet fl-ammont ta' €13,716.13 (Dok B). Skont id-dikjarazzjoni tat-taxxa għas-sena 2020 (Dok Y) it-total tad-dħul tal-intimati kien ta' €14,198. Għalhekk kwantu għad-dħul l-intimati jissodisfaw tali kriterju.*

*In kwantu għall-kapital, mid-dokumenti eżebiti, dan jeċċedi l-kapital indikat fir-Reg. 6 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 16.11.*

*Mid-dokumenti esebiti jirriżulta li l-intimat Victor Schiavone għandu segwenti kontijiet bankarji/investimenti:*

1. *Savings Account mal-Bank of Valletta plc b'bilanċ ta' €14,328 (Dok D)*
2. *Savings Account mal-APS Bank plc b'bilanċ ta' €8,479 (Dok E)*
3. *Current Account mal-HSBC Bank Malta plc b'bilanċ ta' €2,277 (Dok F)*
4. *Fixed Account mal-HSBC Bank Malta plc b'bilanċ ta' €977 (Dok G). Dan il-Kont jidher li huwa f'isem bint l-intimati Maria Victoria.*
5. *Fixed Account mal-Bank of Valletta plc b'bilanċ ta' €232 (Dok H). Dan il-Kont jidher li huwa f'isem bin l-intimati Stefan.*
6. *Shares mal-HSBC Bank Malta plc fil-valur ta' €14,897 (Dok I)*

7. *Investiment man-National Savings and Investments Glasgow fil-valur ta' £814 (Dok J)*

*In kwantu għall-intimata Margaret Schiavone, skont id-dokumenti esebiti din għandha s-segwenti kontijiet bankarji/investimenti:*

1. *Savings Account mal-Bank of Valletta plc b'bilanċ ta' €2,363 (Dok L)*
2. *Savings Account mal-HSBC Bank plc b'bilanċ ta' €44.77 (Dok M)*
3. *Savings Account mal-HSBC Bank Malta plc b'bilanċ ta' €9,980 (Dok N)*
4. *Fixed Account mal-Bank of Valletta plc b'bilanċ ta' €3,028 (Dok O).*
5. *Fixed Account mal-Bank of Valletta plc b'bilanċ ta' €3,494 (Dok P).*
6. *Fixed Account mal-HSBC Bank Malta plc b'bilanċ ta' €724 (Dok Q). Dan il-kont jidher li huwa f'isem bin l-intimati Stefan.*
7. *Shares mal-HSBC Bank Malta plc fil-valur ta' GBP 10,685 (Dok R)*

*Il-konjugi Schiavone għandhom ukoll is-segwenti kontijiet bankarji/investimenti konġuntivament:*

1. *Savings Account mal-Bank of Valletta plc b'bilanċ ta' €4,089 (Dok S)*
2. *Current Account mal-Bank of Valletta plc b'bilanċ ta' €11,182 (Dok T)*
3. *Fixed Account mal-Bank of Valletta plc b'bilanċ ta' €2,435 (Dok U).*
4. *Investment mal-Valletta Fund Management Limited tal-valur ta' €15,565 (Dok V)*
5. *Investment mal-BOV Asset Management Limited tal-valur ta' €10,056 (Dok W)*
6. *Joint Life Policy mal-Mapfre MSV Life plc b'investiment fit-2020 ta' circa €19,000*

*Finalment l-intimati għandhom ukoll żewġ garages: wieħed 203, Triq il-Vitorja Senglea stmat €83,475 u l-ieħor 17, Triq San Ġiljan, Senglea stmat €66,780 skont stima tal-perit Stephen Seracino Inglott (Dok C).*

*Il-Bord ra wkoll l-affidavit tal-intimat Dok VS a fol 84 u kif ukoll in-nota dwar il-kundizzjoni medika tal-intimat a fol 88.*

*B'hekk mill-provi dwar it-test tal-mezzi jemerġi li t-total tal-kapital tal-intimati jeċċedi* t-treshold *ta' €245,000 indikat fir-Reg. 6 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 16.11.*

*Illi ladarba l-intimati ma jissodisfawx il-kriterju tal-kapital tat-test tal-mezzi, il-Bord irid jimxi ma dak provdut fl-artikolu 4A(4) tal-Kap 69 tal-Ligijiet ta' Malta li jistipula hekk:*

"(4) Fejn il-kerrej ma jissodisfax il-kriterji tad-dħul u tal-kapital tat-test tal-mezzi, il-Bord għandu, wara li jkun sema' kwalunkwe evidenza u sottomissjonijiet imressqa mill-partijiet, jagħti deċiżjoni li tippermetti lill-kerrej żmien ta' sentejn (2) sabiex id-dar ta' abitazzjoni tiġi vakata. Il-kumpens pagabbli lil sid il-kera għall-okkupazzjoni

tad-dar ta' abitazzjoni matul l-imsemmi perijodu għandu jiġi determinat mill-Bord skont il-każ".

*B'hekk il-Bord irid jiffissa l-kumpens dovut lir-rikorrent għal perijodu ta' sentejn li l-intimati se jkunu permessi li jabitaw fil-fond in kwistjoni. Bid-dħul in vigore tal-Att XXIV tal-2021 il-leġislatur ħalla fid-diskrezzjoni ta' dan il-Bord x'kumpens jillikwida favur ir-rikorrenti għall-okkupazzjoni ta' fondi li l-okkupanti tagħhom ma jissodisfawx il-kriterji tat-test tal-mezzi. Il-membri tekniċi tal-Bord, il-Perit David Pace u Edgar Caruana Montaldo fir-rapport tagħhom (fol 37), wara li aċċedew fil-fond fit-23 ta' Novembru 2021, ivvalutaw il-fond in kwistjoni fis-somma ta' €300,000. Minn naħa tagħhom l-atturi ppreżentaw kopja tar-rapport tal-perit tekniku Michael Lanfranco intavolat fl-isfond tal-kawża kostituzzjonali bejn il-partijiet numru 496/21AD liema rapport jinsab a fol 91. F'dan ir-rapport il-fond in meritu ġie valutat fis-somma ta' €600,000 f'Lulju 2021 b'valur lokatizju annwu ta' €19,200 fis-sena 2021.*

*Il-Bord hu tal-fehma illi kwantu għall-valur tal-fond in meritu u tenut kont tal-provvediment tas-sub-artikolu (3) tal-artikolu 23 tal-Kap 69, il-Bord għandu jistrieħ fuq l-istima tal-Membri Tekniċi tiegħu ladarba, kif jirriżulta mir-rapport tagħhom dawn kienu unanimi fil-fehma tagħhom.* ***B'hekk il-Bord sejjer jadotta l-valur ta' tlett mitt elf Ewro (€300,000).***

*Għal finijiet ta' determinazzjoni tal-kumpens li għandu jkun pagabbli lill-atturi għall-okkupazzjoni tal-fond matul il-perijodu imsemmi fl-artikolu 4A(4) tal-Kap 69 tal-Liġijiet ta' Malta il-Bord qies (1) il-lok u l-valur tal-fond kif stabbilit mill-membri tekniċi tiegħu, (2) iċ-ċirkostanzi tal-intimati kif jemerġu mid-dokumenti tat-test tal-mezzi inkluż id-dħul u l-kapital tagħhom, (3) il-kera perċepita mir-rikorrenti, u (4) l-provi kollha prodotti f'dan il-każ, u huwa tal-fehma li l-kumpens li għandu jitħallas mill-intimati lir-rikorrenti waqt tali okkupazzjoni għandu jkun ta' 2% tal-valur tal-fond stmat mill-membri tekniċi u ċioe' €6,000 fis-sena."*

## L-Appell

7. Fl-4 ta' Awwissu, 2022 l-appellanti ppreżentaw rikors tal-appell quddiem din il-Qorti fir-rigward tal-imsemmija sentenza appellata, fejn qegħdin jitolbuha sabiex tħassar l-imsemmija sentenza appellata, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellati. Jgħidu li l-aggravji tagħhom huma dawn: (a) il-Bord għamel interpretazzjoni żbaljata tad-disposizzjonijiet tas-subartikolu 4A(4) tal-Kap. 69;

(b) meta l-Bord wasal sabiex iffissa l-ammont tal-kera l-ġdida, huwa naqas li jikkunsidra ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ odjern; (ċ) huwa diskriminatorju l-mod kif ġew applikati d-disposizzjonijiet tal-liġi fil-konfront tal-appellanti; u (d) ma kellhomx jitgħabbew bl-ispejjez kollha tal-kawża.

8. L-appellati wieġbu fis-26 ta' Awwissu, 2022 fejn qegħdin jikkontendu li l-appell odjern huwa wieħed frivolu u vessatorju, u għalhekk qegħdin jitolbu li għandu jiġi miċħud bi spejjeż doppji kontra l-appellanti.

9. L-Awtorità intervenuta wieġbet fit-13 ta' Ottubru, 2022 fejn qegħda titlob sabiex l-appell odjern jiġi miċħud.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

10. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji mressqa mill-appellanti, u dan fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet magħmulin mill-Bord fis-sentenza appellata, u tas-sottomissjonijiet ippreżentati mill-appellati u mill-Awtorità intervenuta.

*L-ewwel aggravju: [il-Bord interpreta ħażin il-liġi, partikolarment is-subartikolu 4A(4) tal-Kap. 69]*

11. L-appellanti qegħdin jikkontendu li l-Bord interpreta u applika b'mod żbaljat il-liġi, in partikolari d-disposizzjonijiet tas-subartikolu 4A(4) tal-Kap. 69. Wara li jiċċitaw d-disposizzjonijiet tiegħu kemm bl-ilsien Malti u anki bl-Ingliż, jissottomettu li m'hemm l-ebda dubju dwar l-interpretazzjoni tagħhom li jirrikjedu li l-inkwilin jissodisfa l-kriterji mhux biss tad-dħul, iżda anki tal-kapital

tat-test tal-mezzi. Jikkontendu li peress li l-effetti ta' dan is-subartikolu huma konsiderevoli fil-konfront tal-inkwilin, il-leġislatur ried li sabiex jiġi ordnat l-iżgumbrament kontra l-imsemmija inkwilini, dan ma jkunx issodisfa il-kriterji tad-dħul iżda anki tal-kapital, u mhux wieħed minn dawn il-kriterji kif interpreta l-Bord. Jirrilevaw li l-kriterji huma kumulattivi u mhux alternattivi. Hawnhekk huma jagħmlu riferiment għas-subregolament 2(2) tal-L.S.16.11, fejn jingħad li *"sabiex tissodisfa l-kriterji tat-test tal-mezzi stabbiliti b'dawn ir-regolamenti persuna tkun meħtieġa li jkollha kemm dħul kif ukoll kapital fil-limiti stabbiliti b'dawn ir-regolamenti",* u dan filwaqt li jiċċitaw ukoll is-subartikolu 4A(5) tal-Kap. 69, fejn għal darb'oħra hemm riferiment għall-*"...kriterji tad-dħul u tal-kapital..."*. Jgħidu li fil-każ odjern, irriżulta b'mod ċar tassew mis-sentenza appellata, li filwaqt li huma ma kienux issodisfaw il-kriterju tal-kapital tat-test tal-mezzi, huma jissodisfaw il-kriterji tad-dħul tal-istess test.

12. L-appellati jikkontendu li dan kollu jikkostitwixxi logħob bil-kliem, u huma jagħmlu riferiment għas-subregolament 2(2) tal-L.S. 16.11 in sostenn tal-argument tagħhom, filwaqt li jissottomettu li m'għandhomx wisq x'iżidu fejn il-liġi hija ċara.

13. L-Awtorità intervenuta tirrileva li l-appell tal-appellanti huwa msejjes fuq inċertezza fil-liġi, iżda tikkontendi li l-liġi sussidjarja tiċċara kollox. Tissotometti li din il-*lex specialis* titlob li sabiex wieħed jikkwalifika għall-protezzjoni tal-liġi, dan għandu jissodisfa l-kriterji tad-dħul u anki tal-assi. L-Awtorità appellata tinvoka l-massima legali *lex specialis derogat lex generalis* favur l-argument tagħha, u ssostni li hemm diversi sentenzi tal-Bord li Jirregola l-Kera fejn l-

inkwilini ġew ordnati li jiżgumbraw mill-proprjetà mikrija lilhom stante li ma kienux issodisfaw il-kriterji tad-dħul u wkoll dawk tal-kapital.

14. Il-Qorti tgħid li l-appellanti m'għandhomx raġun. Tikkunsidra li bl-ebda mod ma jista' jinftiehem mid-disposizzjonijiet tal-liġi li l-kriterji tat-test tal-mezzi huma kumulattivi bil-mod kif qed jinterpretawhom l-imsemmija appellanti, jiġifieri li fejn huma fallew wieħed miż-żewġ testijiet tal-mezzi, il-Bord ma setax jipproċedi skont is-subartikolu 4A(4) tal-Kap. 69. Għalhekk fil-każ odjern, il-Qorti tgħid li l-Bord iddeċieda tajjeb skont l-interpretazzjoni korretta li għandha tingħata lid-disposizzjonijiet tas-subartikolu 4A(4) tal-Kap. 69 u anki tas-subregolament 2(2) tal-L.S. 16.11. Għaldaqstant l-ewwel aggravju tal-appellanti mhux ġustifikat u tiċħdu.

*It-tieni aggravju:* *[il-Bord naqas milli japprezza ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ meta wasal sabiex iffissa l-ammont tal-kera]*

15. L-appellanti filwaqt li jaċċettaw li Qorti tal-Appell ma tiddisturbax l-apprezzament tal-fatti li tkun għamlet qorti tal-ewwel grad, għajr f'ċirkostanzi straordinarji jew fejn l-apprezzament jirriżulta li mhux wieħed raġonevoli jew ma jirrispettax il-fatti proċesswali, huma jiċċitaw sentenza tal-Qorti tal-Appell (Superjuri) fl-ismijiet **Dott. Antoinette Cutajar *vs.* L-Onor. Dr. Joseph Muscat – Prim Ministru et** mogħtija fl-14 ta' Diċembru, 2018 in sostenn tal-fatt li Qorti tal-Appell għandha awtonomija sħiħa fl-apprezzament tal-fatti. Jinsistu li l-Bord naqas milli jikkunsidra b'mod xieraq iċ-ċirkostanzi tagħhom, inkluż is-segwenti: (a) l-età avvanzata tagħhom; (b) id-dħul limitat tagħhom riżultanti esklussivament mill-ħlasijiet tal-pensjoni tal-età; (ċ) il-qagħda vulnerabbli tal-

appellant stante li huwa għaddej minn trattament mediku għal *rectal cancer;* (d) huma dejjem ħadu ħsieb id-dar bħala *bonus paterfamilias* u skont l-affidavit tal-appellant, huma daħlu f'diversi spejjeż personali estensivi; u (e) huma m'għandhom l-ebda proprjetà immobbli abitabbli li tista' tintuża minnhom wara li jivvakaw il-fond. Jikkontendu li l-perċentwali stabbilita mil-liġi ta' 2% fis-subartikolu 4A(2) tal-Kap. 69 tikkostitwixxi l-kera massima, iżda l-istess kera tista' saħansitra tkun inqas minn hekk. Huma hawnhekk jgħaddu sabiex jiċċitaw diversi sentenzi ta' din il-Qorti, kif diversament ippreseduta, fejn kien ġie deċiż li l-kera m'għandhiex togħla sal-massimu permess mil-liġi. L-appellanti jinsistu li sabiex l-ammont ikun wieħed realistiku, għandhom jiġu wkoll ikkunsidrati s-segwenti: (a) ir-relazzjoni tal-Membri Tekniċi tal-Bord; (b) id-dispożizzjonijiet tal-liġi; u (ċ) iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ in eżami, inklużi dawk appena msemmija. Jispjegaw li l-ammont ta' €150,255 mill-kapital stabbilit, jikkonsisti fil-valur ta' żewġ garaxxijiet ta' karozza waħda kull wieħed, jiġifieri mhux ammont likwidu. Barra minn hekk dawn il-fondi mhumiex abitabbli u jintużaw minnhom minħabba l-problema ta' parkeġġ fl-inħawi. Huma kienu wkoll aggravati bil-fatt li għalkemm il-kera setgħet tiġi awmentata għal ammont inqas minn 2% tal-valur tagħha, il-Bord wara li kkunsidra d-dħul tassew baxx tagħhom iddeċieda li jgħolli l-kera sal-massimu possibbli. Jikkontendu li huwa tassew baxx l-ammont tal-kapital li huwa likwidu, ikkunsidrati l-kriterji tal-kapital tat-test tal-mezzi. Jirrilevaw ukoll li d-dħul tagħhom huwa saħansitra inqas minn terz tal-ammont stabbilit fil-liġi skont it-test tal-mezzi. L-appellanti jsostnu li jekk mid-dħul wieħed inaqqas il-kumpens dovut lill-appellati, kien ser jibqa' f'idejhom €8,198 biss bejniethom għal kull sena, u dan meta huma kellhom diversi spejjeż mediċi li mhumiex koperti mill-Isptar. Dwar il-proprjetà immobbli tagħhom,

jissottomettu li huma m'għandhom l-ebda ċertezza li ser isibu s-suq għall-bejgħ tal-garaxxijiet. u dan skont il-prezz stmat mill-Perit Stephen Seracino Inglott. Jirrilevaw li minħabba d-dħul baxx tagħhom, huma ma jistgħux igħidu li ser jiksbu self mill-bank, u min-naħa l-oħra huma m'għandhom l-ebda mezzi sabiex iħallsu kera skont dak li qed jintalab illum. L-appellanti jirrilevaw li l-prassi tal-Qrati tagħna hija li sabiex inkwilin jiġi żgumbrat mill-fond, dan irid ikollu fond alternattiv fejn jirrisjedi, iżda l-każ ma kienx hekk skont id-disposizzjonijiet tal-Att XXIV tal-2021, li jsostnu qegħdin jiġu applikati b'mod awtomatiku jew "robotiku". Huma jagħmlu riferiment għal dak li ġie deċiż mill-Bord fis-sentenza tiegħu tas-27 ta' Ġunju, 2022 fl-ismijiet **Joseph Terreni *vs.* Mary Rose Mercieca** u anki fis-sentenza tas-16 ta' Marzu, 2022 fl-ismijiet **Michael Zammit et *vs.* Joseph Camilleri et**, u jirrilevaw li f'dawn l-istanzi għalkemm l-inkwilini kellhom post vakanti u abitabbli, huma ma ġewx ordnati jiżgumbraw mill-fond meta nstab li ma qabżux il-kriterji tal-kapital tat-test tal-mezzi.

16. L-appellati min-naħa tagħhom jikkontendu li l-appellanti ma jistgħux jilmentaw li l-kera stabbilita mill-Bord hija eċċessiva, meta rriżulta li l-kapital tagħhom huwa wieħed sostanzjali, tant hu hekk li m'għaddewx mit-test tal-mezzi. Jissottomettu li l-Bord iddeċieda tajjeb, u anki skont il-każistika l-iktar riċenti fejn il-maġġoranza tas-sentenzi qegħdin jagħtu l-massimu permissibbli mil-liġi. Jikkontendu li dan il-massimu saħansitra ħafna drabi huwa ferm inqas mill-valur fis-suq u li ġeneralment huwa fil-perċentwali ta' 4.5%. Huma hawnhekk jagħmlu riferiment għas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet **Gerald Camilleri *vs.* Avukat Ġenerali et** deċiża fis-6 ta' Ottubru, 2020.

17. L-Awtorità appellata min-naħa tagħha tibqa' siekta dwar dan it-tieni aggravju tal-appellanti.

18. Il-Qorti tikkunsidra li l-Bord wasal għad-deċiżjoni finali tiegħu wara li kkunsidra s-segwenti: (a) l-etajiet tal-appellanti; (b) id-dħul tagħhom fil-perjodu rilevanti kien jikkonsisti f'pensjoni tas-sigurtà soċjali fl-ammont ta' €13,716.13; (ċ) id-diversi depożiti bankarji tagħhom, investimenti oħra, u l-proprjetà immobiljarja; (d) il-kundizzjoni medika tal-appellant; (e) il-valur ta' €300,000 attribwit lill-fond mill-Membri Tekniċi tal-Bord; (f) il-kera li kienu qegħdin jirċievu l-appellati; u anki l-provi kollha l-oħra. Għalhekk fil-fehma tal-Qorti l-Bord wettaq eżerċizzju pjuttost eżawrenti qabel ma wasal sabiex stabbilixxa l-kera dovuta għas-sentejn li ngħataw lill-appellanti sabiex jivvakaw il-fond. Tassew ma ssib xejn li għandu jiġi ċċensurat hawnhekk, u għaldaqstant ma tilqax it-tieni aggravju tal-appellanti.

*It-tielet aggravju:* *[id-disposizzjonijiet tal-liġi applikati fil-konfront tagħhom huma diskriminatorji]*

19. L-appellanti jissottomettu li huma jħossuhom aggravati bil-fatt li d-disposizzjonijiet tal-liġi applikati fil-konfront tagħhom, huma diskriminatorji u leżivi tad-drittijiet fundamentali tagħhom. Jispjegaw li meta l-Bord wettaq it-test tal-mezzi, l-assi tagħhom ġew ikkunsidrati flimkien *ai termini* tar-regolament 9 tal-L.S. 16.11. Huma jiċċitaw id-dispożizzjonijiet tar-regolament 8 tal-L.S. 16.11 in sostenn tal-argument tagħhom li l-liġi in kwistjoni tapplika biss fil-konfront ta' konjuġi, u jagħmlu wkoll riferiment għal żewġ sentenzi tal-Bord fejn ġie applikat dan ir-regolament.

20. L-appellati jilqgħu għal dan l-aggravju billi jagħmlu riferiment għad-disposizzjonijiet tar-regolament 9 tal-L.S. 16.11, u jgħidu li dan jirrikjedi b'mod ċar li *'[f]il-każ li l-kerrej ikun miżżewweġ, it-test tal-mezzi għandu jinkludi d-dħul u l-kapital tal-konjuġi konġuntivament".* B'hekk jinsistu li l-aggravju huwa wieħed frivolu u vessatorju u għandu jiġi miċħud.

21. Min-naħa tagħha, l-Awtorità appellata tgħid li l-liġi in kwistjoni ilha fis-seħħ mill-2021, u sallum għadha ma ġietx iddikjarata anti-kostituzzjonali u pjuttost intlaqgħet bħala waħda ġusta.

22. Il-Qorti tikkunsidra li dan l-ilment tal-appellanti m'għandux jiġi ttrattat minn din il-Qorti stante li hemm forum ieħor addattat sabiex jinstema' u jiġi deċiż. Ċertament kwistjonijiet dwar ksur tad-drittijiet fundamentali ma jaqgħux fil-kompetenza ta' din il-Qorti tal-Appell. Għaldaqstant il-Qorti tastjeni milli tieħu konjizzjoni ta' dan l-aggravju.

*Ir-raba' aggravju:* *[il-Bord ordna li l-ispejjeż kollha kellhom ikunu a karigu tagħhom]*

23. L-appellanti jikkontendu li huma m'għandhom l-ebda ħtija għall-fatt li l-kera li kienu qegħdin jipperċepixxu l-appellati kienet waħda baxxa. Jgħidu li huma dejjem imxew mal-liġijiet li saru mill-Gvern, iżda wkoll mal-kundizzjonijiet mitluba mill-appellati stess. Jirrilevaw li matul dawn il-proċeduri, l-appellati baqgħu dejjem jaċċettaw il-kera mingħandhom mingħajr l-ebda riżerva jew avviż li din kienet qegħda tiġi aċċettata mingħajr preġudizzju għall-proċeduri odjerni.

24. L-appellati min-naħa tagħhom isostnu li anki dan l-aggravju huwa wieħed infondat ġaladarba l-Bord mexa skont l-artikolu 223 tal-Kap. 12.

25. L-Awtorità intervenuta għażlet li ma tagħmel l-ebda sottomissjoni fir-rigward ta' dan l-aggravju.

26. Il-Qorti tqis li l-appellati għandhom raġun, u l-Bord kien korrett fid-deċiżjoni tiegħu għal dik ir-raġuni li fissru l-appellati fir-risposta tagħhom għal dan l-aħħar aggravju tal-appellanti. Għalhekk il-Qorti ma ssibx dan l-aħħar aggravju ġustifikat, u tiċħdu.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi l-Qorti tiddeċiedi billi tiċħad l-appell odjern, u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha, bl-ispejjeż kollha a karigu tal-appellanti.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**